**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Melvin Magro**

**Illum 27 ta' Jannar, 2020**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Melvin Magro, ta' 35, bin Paul u Grace xebba Galea, imwieled Pieta, nhar is-26 ta' Dicembru, 1984, residenti gewwa 11, Ideal Apartment, Flat 3, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 42085(M).

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-24 ta' l-25 ta' Jannar, 2020, ghall-habta tal-22.45 ta' filghaxija minn gewwa Auto Market Service Station sitwata fi Triq l-Imdina, Haz Zebbug,

1. Ikkommetta serq aggravat (ta' flus kontanti) liema serq huwa aggravata bil-mezz u bil-hin ghad-dannu tal-kumpanija Auto Market Service Station u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli (li ma’ jiskorrix l-€250) ghad-dannu tal-kumpanija Auto Market Service Station u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat irritorna r-res furtiva u ghamel tajjeb ghad-danni ikkawzati. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat ghandu problema b’l-abuzz tad-droga u li huwa lest li jibda jindirizza din il-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(f), 263, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jibda u jkompli sa tmienu programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**